



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 156/22

il-Lussemburgu, 20 ta' Settembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-793/19 | SpaceNet u C-794/19 | Telekom Deutschland

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, ħlief fil-każ ta' theddida serja għas-sigurtà nazzjonali

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja, l-Istati Membri jistgħu madankollu, fl-osservanza stretta tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jipprevedu b'mod partikolari żamma mmirata u/jew rapida ta' tali data, kif ukoll żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tal-indirizzi IP

SpaceNet u Telekom Deutschland jipprovdu, fil-Ġermanja, servizzi ta' aċċess għall-internet aċċessibbli għall-pubbliku, filwaqt li Telekom Deutschland tipprovdi, ukoll, servizzi telefoniċi. Huma kkontestaw quddiem il-qorti Ġermaniżi l-obbligu impost fuqhom mil-liġi Ġermaniża dwar it-Telekomunikazzjonijiet (iktar "il quddiem, it-“TKG”) li jżommu, mill-1 ta' Lulju 2017, data dwar it-traffiku u data dwar il-lokalizzazzjoni marbuta mat-telekomunikazzjonijiet tal-klijenti tagħhom.

Minbarra ċerti eċċezzjonijiet, it-TKG timponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari għall-finijiet tar-repressjoni tar-reati kriminali serji jew tal-prevenzjoni ta' riskju konkret għas-sigurtà nazzjonali, iż-żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata, tul diversi ġimgħat, tal-parti l-kbira tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni tal-utenti finali.

Il-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja ¹, jipprekludix tali leġiżlazzjoni nazzjonali.

Id-dubji tagħha inħolqu b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-obbligu ta' żamma previst mit-TKG jikkonċerna kwantità ta' data iżgħar u tul ta' żmien taż-żamma inqas (4 jew 10 ġimgħat) minn dak li kienu jipprevedu l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi preċedenti. Dawn il-karatteristiċi jnaqqsu l-possibiltà li d-data miżmuma tkun tista' tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi ħafna dwar il-ħajja privata tal-persuni li d-data tagħhom tkun inżammet. Barra minn hekk, it-TKG tiżgura protezzjoni effikaċi tad-data miżmuma kontra r-riskji ta' abbuż u ta' aċċess illegali.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-ġurisprudenza preċedenti tagħha.

Hija tirrispondi lill-Qorti Amministrattiva Federali Ġermaniża fis-sens li **d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, bħala prevenzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tal-prevenzjoni ta' theddid serju kontra s-sigurtà pubblika, żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data dwar it-traffiku**

¹ Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' April 2022, Commissioner of An Garda Síochána et, [C-140/20](#) (ara wkoll iċ-CP [Nru 58/22](#)), kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net et, [C-511/18, C-512/18 u C-520/18](#) (ara wkoll iċ-CP [Nru 123/20](#)).

u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni.

Għall-kuntrarju, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix leġislazzjoni nazzjonali

- li tippermetti, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà *nazzjonali*, l-għoti ta' ordni lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex jipproċedu **b'żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata** tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni, **f'sitwazzjonijiet fejn l-Istat Membru kkonċernat jaffaċċja theddida serja għas-sigurtà nazzjonali** li tkun reali u attwali jew prevedibbli. Tali ordni tista' tkun suġġetta għal sħarriġ jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti u tista' tingħata biss għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li jkun strettament neċessarju, iżda li jista' jiġġedded jekk din it-theddida tippersisti;
- li tipprevedi, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, tal-ġlieda kontra l-kriminalità *serja* u tal-prevenzjoni ta' theddid *serju* kontra s-sigurtà pubblika, **żamma mmirata** ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni li tkun limitata, abbażi ta' elementi oġġettivi u nondiskriminatorji, skont il-kategoriji ta' persuni kkonċernati jew permezz ta' kriterju ġeografiku, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li jkun strettament neċessarju, iżda li jista' jiġġedded;
- li tipprevedi, għall-istess finijiet, **żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tal-indirizzi IP** attribwiti lis-sors ta' konnessjoni, għal perijodu limitat *ratione temporis* għal dak li jkun strettament neċessarju;
- li tipprevedi, għall-finijiet tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, tal-ġlieda kontra l-kriminalità u tas-salvagwardja tas-sigurtà pubblika, **żamma ġġeneralizzata u indifferenzjata tad-data relatata mal-identità ċivili tal-utenti** ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, u
- li tippermetti, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità *serja* u, *a fortiori*, tas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, l-għoti ta' ordni lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, sabiex jipproċedu, għal perijodu stabbilit, biż-**żamma rapida** tad-data dwar it-traffiku u tad-data dwar il-lokalizzazzjoni li dawn il-fornituri ta' servizzi jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

Tali leġislazzjoni għandha tiżgura, barra minn hekk, permezz ta' regoli ċari u preċiżi, li ż-żamma tad-data inkwistjoni tkun suġġetta għall-osservanza tal-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali applikabbli għaliha u li l-persuni kkonċernati jkollhom garanziji effettivi kontra r-riskji ta' abbuż.

F'dak li jirrigwarda t-TKG, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-obbligu ta' żamma stabbilit minn din il-liġi jirrigwarda, b'mod partikolari, id-data neċessarja sabiex jiġi identifikat is-sors ta' komunikazzjoni u d-destinazzjoni tagħha, id-data u l-ħin tal-bidu u tat-tmiem tal-komunikazzjoni jew, fil-każ ta' komunikazzjoni permezz ta' SMS, messaggġ multimedia jew messaggġ simili, il-mument li fih intbagħat u ġie rċevut il-messaggġ, kif ukoll fil-każ ta' użu mobbli, l-isem taċ-ċelloli li ntużaw mill-persuna li qiegħda tagħmel it-telefonata u ta' dik li qiegħda tirċievi t-telefonata fil-bidu tal-komunikazzjoni.

Fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi ta' aċċess għall-internet, l-obbligu ta' żamma jirrigwarda, fost l-oħrajn, l-indirizz IP attribwit lill-abbonat, id-data u l-ħin tal-bidu u tat-tmiem tal-użu tal-internet mill-indirizz IP attribwit u, fil-każ ta' użu mobbli, l-isem taċ-ċelloli li ntużaw fil-bidu tal-konnessjoni internet. Għandha tinżamm ukoll id-data li tippermetti l-għarfien tal-pożizzjoni ġeografika u d-direzzjonijiet ta' radjazzjoni massima tal-antenni li jservu ċ-ċellola kkonċernata.

Għalkemm huwa minnu li d-data relatata mas-servizzi ta' posta elettronika ma humiex koperti mill-obbligu ta' żamma previst mit-TKG, din tirrappreżenta biss parti żgħira ħafna tad-data inkwistjoni. Tinżamm, barra minn hekk, id-data tal-utenti suġġetti għas-sigriet professjonali, bħall-avukati, it-tobba u l-ġurnalisti.

Għalhekk, **l-obbligu ta' żamma previst mit-TKG jestendi għal ġabra wiesgħa ħafna ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni, li jikkorrispondi, essenzjalment, għal dik li wasslet għas-sentenzi preċedenti ċċitati iktar 'il fuq.**

Issa, din il-ġabra ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni miżmuma għal għaxar u erba' ġimgħat, rispettivament, **tista' tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi ħafna dwar il-ħajja privata tal-persuni li tinżamm id-data tagħhom, bħall-użanzi tal-ħajja ta' kuljum, il-postijiet ta' residenza permanenti jew temporanji, iċ-ċaqliq ta' kuljum jew ieħor, l-attivitajiet eżerċitati, ir-relazzjonijiet soċjali ta' dawn il-persuni u l-ambjenti soċjali ffrekwentati minnhom u, b'mod partikolari, li jiġi stabbilit profil tal-imsemmija persuni.**

F'dak li jirrigwarda l-garanziji previsti mit-TKG, intiżi li jipproteġu d-data miżmuma kontra r-riskji ta' abbuż u kontra kwalunkwe aċċess illeċitu, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li ż-żamma ta' din id-data u l-aċċess għaliha jikkostitwixxu indħil distint fid-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, li jeħtieġ ġustifikazzjoni distinta. Minn dan jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura l-osservanza sħiħa tal-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza fil-qasam tal-aċċess għad-data miżmuma ma tistax, min-natura tagħha, tillimita jew tirmidja għall-indħil serju fid-drittijiet tal-persuni kkonċernati li jirriżulta miż-żamma ġeneralizzata ta' din id-data.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza u s-[sunt](#) jinstabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

